Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 56/2016

Il-Pulizja

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Geoffrey Chetcuti

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Geoffrey Chetcuti detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 119476M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f' dawn il-Gzejjer fl-1 t' April, 2013 u fil-gimghat u xhur u snin ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f' Malta sew barra minn Malta, ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta (Art 208A ta' Kap 9)

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti dehrila li permezz tal-

istqarrija rilaxxjata mill-imputat il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-istess imputat acceda ghal pornografija ta' minuri u li ghamel cybersex ma' minuri meta kien jaf ben tajjeb li l-persuni li kien hemm fuq in-naha l-ohra kienu minuri.

Illi l-imputat instab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 208A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, tissupplixxi, tittrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indeċenti tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin.

Illi waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza sostniet li jezisti dubju jekk effettivament live streaming u cybersex jistghux jitqiesu li jaqghu fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 208A(1). Illi din il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti definizzjoni ta' cybersex fuq il-Wikipedia:-

> "Cybersex, also called computer sex, internet sex, net sex, mud sex, Tiny Sex and colloquially cybering or conversex is a virtual sex encounter in which two or more people connected remotely via computer network send each other sexually explicit messages describing a sexual experience. In one form this fantasy sex is accomplished by the participants describing their actions and responding to their chat partners in a mostly written form designed to stimulate their own sexual feelings and fantasies. Cybersex also includes real life masturbation. The quality of a cybersex encounter typically depends upon the participants' ability to evoke a vivid, visceral mental picture in the minds of their partners. Imagination and suspension of disbelief are also critically important. Cybersex can occur within the context of existing or intimate relationships, eg among lovers who are

> geographically separated or among individuals who have no prior knowledge of one another and meet in virtual spaces and cyber spaces and may even remain anonymous to one another. In some contexts cybersex is enhanced by the use of a webcam to transmit real time video of the partners".

Illi fil-kaz odjern l-imputat indika b' mod car li s-cybersex bil-live streaming li sar mal-minuri u li hallas ghalih kien jinkludi show min-naha tal-minuri li huwa ra bil-live streaming u jispecifika wkoll li huwa utilizza l-webcam tieghu sabiex jitrasmetti dak li kien qed jaghmel hu. Fil-fehma tal-Qorti dan ammonta ghal produzzjoni, trasmissjoni u pussess ta' materjal indecenti a tenur tal-Artikolu 208A(1) tal-Kodici Kriminali.

L-imputat ghalhekk instab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll tal-fatt li l-minuri involuta skond ma irrizulta mill-provi kienet kwazi maggorenni u fic-cirkostanzi derilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Mejju, 2015 u senjatament l-Artikoli 18, 208A(1) u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tmintax (18) –il xahar prigunerija Ii b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €1530.29 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi ma' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Geoffrey Chetcuti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li jidher car li l-Qorti tal-Magistrati giet bl-akbar rispett zvijata mic-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva peress li tali citazzjoni tinkludi l-frasi "ta' persuni ta' taht l-eta'". Dawn il-kliem ma humiex inkluzi fid-dicitura attwali tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 208 A tal-Kodici Kriminali – id-disposizzjoni tikkontempla r-reat addebitat lill-esponent. Tali zball evidentalment induca lill-Qorti tal-Magistrati f' interpretazzjoni u applikazzjoni erronja ta' l-istess disposizzjoni.

Illi qabel ma l-esponent jghaddi ghas-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, huwa ser jaghmel referenza ghall-iter legislattiv ta' l-imsemmi artikolu 208A. Din id-disposizzjoni giet mizjuda fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-artikolu 36 ta' l-Att III ta' l-2002 u kienet taqra hekk:

"Kull cittadin jew residenti permanenti ta' malta, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f' Malta, li jigbdu jew jippermettu li jingibed xi rittratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' <u>persuna ta' taht l-eta'</u>, jew iqassmu jew juru ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti <u>bhal dawn</u>, jew ikollhom fil-pussess taghhom ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti <u>bhal dawn</u>, jehlu, meta jinsabu hatja,..." (sottolinear tal-esponent)

Illi din id-disposizzjoni giet mibdula permezz ta' emenda introdotta bil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att XXXI ta' l-2007 u giet taqra hekk:

"Kull cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew f' Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f' Malta, li tigbed jew tippermetti li jingibed xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecent <u>ta' persuna ta' taht l-eta'</u>, jew li tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, titrassmetti jew turi xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika <u>bhal dawk</u>, tista', meta tinsab hatja,..." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi din id-disposizzjoni regghet giet mibdula permezz ta' emenda introdotta bil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att VII ta' l-2010 u giet taqra hekk:

"Kull cittadin jew residenti permanenti f' Malta, sew f' Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f' Malta, li taghmel jew tipproduci jew tippermetti li jigi maghmul jew prodott xi materjal indicenti jew tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, titrassmetti, taghmel disponibbli, takkwista ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, jew turi dak il-materjal indicenti tista' meta tinsab hatja,..."

Illi permezz ta' emenda ohra introdotta bl-artikolu 11 ta' l-Att IV ta' l-2014, wara l-kelma 'tbiegh' dahlet il-kelma 'tissuplixxi'.

Illi ghalhekk jirrizulta li kwalsiasi referenza ghall-kliem 'ta' persuni ta' taht l-eta" tnehhiet mill-artikolu bl-emendi introdotti bl-Att VII ta' l-2010. Huwa infatti pjuttost stramb kif il-Pulizija Ezekuttiva, filwaqt li ccitat l-artikolu kif vigenti llum, inkluz l-emenda ta' l-2014, ziedet kliem superfluwu li kienu jappartjenu ghar-reat qabel ma gie kompletament mibdul bl-Att ta' l-2010!

Illi fid-disposizzjoni vigenti llum u fiz-zmien ta' l-allegat reat il-frazi operattiva hija 'materjal indicenti' minghajr ebda referenza ghatl persuni ta' taht l-eta'. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-mera pussess ta' dak il-materjal ma jikkostitwixxix reat kriminali bhalma wiehed kien isib specifikament fir-reat kif originarjament introdott bl-Att II ta' l-2002, naturalment b' referenza ghal materjal indicenti ta' persuna ta' taht l-eta'. Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li dak li kellha tara l-Qorti tal-Magistrati ma kienx jekk saritx il-prova jekk il-persuni involuti kienux taht l-eta' izda jekk l-esponent ikkommettiex xi wiehed minn dawk l-atti, msemmija fl-artikolu 208A b' referenza ghal 'materjal indicenti'. Huwa propju f' dan is-sens li l-esponent jissottometti bl-akbar rispett li l-Qorti tal-Magistrati giet introdotta f' interpretazzjoni u applikazzjonierronja ta' dan l-artiklu minhabba referenza zbaljata tal-prosekuzzjoni.

Illi l-agir li qed jigi addebitat lil-esponent – u li fi kwalunkwe kaz qed jigi kontestat bil-qawwa – jista' jkun kopert b' disposizzjonijiet ohra tal-ligi bhalma huma l-artikoli 208 A (1B) u 208 AA (1) tal-Kodici Kriminali. Dawn

ir-reati qatt ma gew addebitati lill-esponent, la fic-citazzjoni u lanqas fir-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, u ghalhekk ma hemmx ghalfejn jigu ezaminati.

Illi peress li ma hemm xejn fil-provi li b' xi mod jindika li l-esponent ikkometta r-reat kontemplat fl-artikolu 208 A (1) kif vigenti llum, huwa kellu jigi lliberat minn din l-akkuza.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisiti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma saritx il-prova li l-persuni li maghhom kien jikkomunika l-esponent kienet effetivament persuni tahtl-eta'.

Illi l-Qorti tal-Magistrati strahet esklussivament fuq brani mill-istqarrija ta' l-esponent. Huwa fil-fatt sorprendenti kif f' kamp fejn ic-certezza morali hija r-regola, il-Qorti ma ghamlet assolutament ebda accenn ghar-rapport ta' l-espert Dr Stephen Farrugia Sacco li, wara ezami dettaljat tal-Hard Drive ta' l-esponent, ikkonkluda, inter alia, li 'ma jistax ikun cert tali nisa huma certament minorenni'.

Illi ezami ta' dan id-dokument jindika li l-esponent kien qieghed jigi defrawdat mill-persuni li huma suppost l-allegati vittmi f' dan il-kaz. Il-pagamenti li saru minnu jirrizultaw ukoll mill-provi. Semmai tali agir jindika li l-persuni involuti kienu pjuttost maturi u stradati fl-arti tat-truffa.

Illi, kif inghad, il-Qorti strahet fuq kliem li ntqal fl-istqarrija ta' l-esponent. A parti l-fatt li meta ha l-pedana tax-xhieda huwa cahad kategorikament li kien hemm xi persuni ta' taht l-eta' involuti u a parti l-fatt li s-sit www.cam4.com huwa sit ta' pornografija adulta, fil-bran ta' l-istqarrija ccitat fis-sentenza appellata jinghad hekk:

M: Kemm tistma li kellha zmien mill-camera?

T: Bejn sbatax u tmintax il-sena.

Naturalment filwaqt li persuna ta' sbatax il-sena hija wahda taht l-eta', persuna ta' tmintax il-sena ma hijiex taht l-eta'. Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li l-Qorti tal-Magistrati lanqas ma kienet korretta meta qalet li ma kellha l-ebda dubju 'li l-imputat kien jaf ben tajjeb li kien hemm istanzi fejn

huwa kien qed ikollu kuntatt ma' minuri fuq sit ta' pornografija…'. Iktar minn kwistjoni ta' apprezzament ta' provi, din hi kwistjoni ta' jekk effetivament tezistix il-prova li kienet qed tfittex il-Qorti. Ghar-raguni spjegati dain il-prova hija manifestament mankati u l-esponent, anke a bazi ta' hekk, kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni addebitata kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija f'dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti skattaw meta dahhlet informazzjoni mill-pulizija tar-Renju Unit illi l-appellanti seta kien involut f'cirku ta' pornografija koncernanti tfal ta' taht l-eta. Fil-fatt mill-istharrig maghmul mill-pulizija maltija, in segwitu ghal dina l-informazzjoni irrizulta illi l-appellanti kien qieghed ihallas xi tfajliet ta' nazzjonalita Filippina fuq sit partikolari li kien jinvolvi l-pornografija adulta, sabiex ikollu *live-streaming* ta' pornografija bl-involviment taghhom. Illi huwa fatt indubitat illi prova dwar l-eta tat-tfajliet li l-appellanti iltaqa' maghhom permezz ta' dan il-*live streaming* fejn anke, fuq ammissjoni tieghu stess, kien jigi prattikat ic-*cybersex*, ma hemmx in atti ghajr ghal dak dikjarat mill-appellanti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija mal-arrest tieghu, fejn ighid illi fil-fehma tieghu kien hemm xi tfajliet li seta kellhom bejn sbatax u tmintax-il sena. Abbazi ta' dina l-affermazzjoni u dak mistqarr minnu f'din l-istqarrija, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellanti kien konsapevoli li kien qieghed jikkometti dawn l-atti sesswali permezz ta'l-*internet* ma' minuri.

L-appellanti gustament allura jishaq fl-appell minnu interpost illi ma tezisti l-ebda prova in atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi t-tfajliet li kien qed ikollu dawn l-inkontri maghhom kienu fil-fatt taht l-eta' u dan ghaliex il-gudizzju tieghu dwar l-eta taghhom setghet kienet zbaljat u allura tikkostitwixxi prova wisq fjakka sabiex tista tigi stabbililta r-reita' . Ma' dan l-aggravvju l-Avukat Generali jaqbel u isostni illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju kien ghalhekk illi gie indikat ir-reat mahsub fl-artikolu 208A(1) billi dina id-disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar it-tqassim u akkwist ta' materjal indicenti minghajr ma tindika illi dan irid ikun necessarjament marbut ma' dik tat-tfal ta' taht l-eta'.

Illi l-appellanti fl-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jargumenta illi allura ma kellux jigi ipprocessat ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 208A(1), u dan ghaliex il-provi kollha li l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha fuqu kienu dejjem iduru madwar l-allegazzjoni illi huwa kellu fil-pussess tieghu dan il-materjal indicenti ta' minuri u qatt ma kien qed jigi akkuzat illi kien qieghed jakkwista xi materjal indicenti dwar persuni adulti. Dan huwa sahansitra rifless fl-akkuza moghtija fic-*charge sheet*. Illi anke il-konsiderazzjonijiet kollha ta'l-Ewwel Qorti iduru madwar dan l-element tar-reat u cioe' l-eta tal-allegati vittmi u mhux dwar in-natura tal-materjal misjub fil-pussess tieghu.

Illi dak allura li ghandha tistharreg din il-Qorti, *in primis*, huwa jekk fil-fatt l-artikolu 208A(1) jitkellimx dwar il-pornografija in generali u mhux biss il-pedopornografija. Illi fil-fehma kemm ta'l-appellanti kif ukoll ta'l-Avukat Generali, billi l-artikolu 208A(1) jitkellem fuq 'materjal indicenti' u jieqaf hemm allura fih ghandu ikun inkluz il-materjal indicenti kollu u mhux biss dak koncernanti il-minuri.

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat mill-legislatur fl-2002 jidher fil-fatt illi l-materjal indicenti li jitkellem dwaru l-artikolu 208A(1) tal-Kap.9 kien marbut ma' dak koncernanti tfal taht l-eta. Ghal xi raguni meta imbaghad dina id-disposizzjoni tal-ligi giet sostitwita permezz ta'l-Att VII tal-2010 dik il-parti tar-reat li torbot il-materjal indicenti ma' minuri tnehhiet biex b'hekk ir-reat qabel l-emendi kien jaqra illi hemm reita':

"li tigbed jew tippermetti li jingibed xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecenti **ta' persuna ta' taht l-età**, jew li tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, tittrasmetti jew turi xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawk;"

U imbaghad gie sostitwit bis-segwenti:

"Kull cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduci jew tippermetti li jigi magħmul jew prodott **xi materjal indecenti** jew tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ,

titrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indecenti ...”

Dak li sfugga lill-partijiet f’din il-vertenza, izda, huwa l-introduzzjoni tas-subartikolu 7 illi permezz ta’ dawn l-emendi introdotti bl-Att tal-2010 jaghti tifsira ta’ dak li ghandu jinkludi fih il-kliem “materjal indicenti” meta jinghad illi:

“Għal finijiet ta’ dan l-artikolu il-kliem "materjal indecenti" **jinkludi** ritratti, xbiehat, awdjo, jew video recordings, kreati digitalment jew xbiehat elettronici, disinni, cartoons, test u rapprezentazzjonijiet simulati jew xbiehat realisitici **ta’ persuna ta’ taht l-età,** anke jekk dik il-persuna ma tezistix, jew tal-partijiet sesswali ta’ tfal għal għanijiet primarjament sesswali.”

Dan jindika allura li l-materjal indicenti li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 208A huwa dak il-materjal marbut ma’ tfal ta’ taht l-eta, u mhux allura kwalsiasi materjal indicenti iehor. Dan il-hsieb tal-leglislatur huwa imfisser car fid-dibattiti parlamentari li jindika x’kien il-hsieb wara l-emendi meta jinghad mill-Onor Carmelo Mifsud Bonnici, dak iz-zmien Ministru tal-Gustizzja:

*“L-ewwel pass ’il quddiem li qegħdin nagħmlu f’din id-direzzjoni huwa intenzjonat sabiex nagħtu protezzjoni aqwa lit-tfal. Jidhrilna li fid-dinja tal-lum il-minuri huma esposti għal riskji ġodda li ġew proprju minħabba t-teknoloġija moderna. Dawn ir-riskji llum huma ta’ periklu kbir u dehrilna li għandna nagħmlu l-passi leġislattivi neċessarji sabiex inkunu nistgħu nikkontrastawhom*

*Dan nagħmluh billi nattakkaw żewġ setturi li għalija huma importanti ħafna, l-ewwel nett l-abbuż tat-tfal fis-settur tal-pornografija, jiġifieri li t-tfal jiġu wżati fil-films li huma marbuta ma’ pornografija. Għalina dik hija waħda mill-aktar affarijiet odjużi u deplorevoli u li hemm bżonn li aħna nieħdu ħsieb nikkumbattu u nattakkaw. L-ewwel pass importanti li qed isir b’dan l-abbozz ta’ liġi huwa li jattakka u jżid id-doża ta’ diversi artikli li għandna fil-Kodiċi Kriminali biex jagħti saħħa akbar lill-istituzzjonijiet demokratiċi ħalli*

*kwalunkwe attentat li jista' jsir biex inti tattakka persuni li huma minuri u tagħmel użu minnhom għal dawn l-affarijiet ta' kundanna kbira jkun hemm pieni adegwati u pieni li jieħdu ħsieb li jibagħtu messaġġ mill-iktar ċar li dan mhuwiex aċċettabbli. It-tieni pass importanti li qegħdin nagħmlu huwa marbut mas-sollecitar ta' minuri fuq l-internet biex tiltaqa' magħhom jew għal raġunijiet oħrajn marbutin mar-reati li huma kontra l-unur tal-familja, reati sesswali u reati li jnaqqsu mill-ġieħ tas-soċjetà tagħna. Jidhrilna li dawn iż-żewġ passi huma importanti ħafna fiż-żmien tal-lum. It-teknoloġija moderna hija qawwija u qiegħda tidħol direttament fid-djar tagħna.*[1]"

Mhux biss izda bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja il-legislatur kellu necessarjament jimplimenta fil-legislazzjoni domestika id-dritt komunitarju in materja li f'dak iz-zmien kien mahsub fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Dicembru 2003 dwar il-glieda kontra l-isfruttament tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, liema Decizjoni Kwadru giet sostitwita bid-Direttiva 2011/92/EU. Fl-artikolu 3 tad-Decizjoni Kwadru hemm dispost illi:

*"Each Member State shall take the necessary measures to ensure that the following intentional conduct whether undertaken by means of a computer system or not, when committed without right is punishable: (a) production of child pornography; (b) distribution, dissemination or transmission of child pornography; (c) supplying or making available child pornography; (d) acquisition or possession of child pornography."*

Dan huwa indikat fl-abbozz tal-ligi li permezz tieghu gew mahluqa dawn l-emendi bhala implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Illi allura l-emendi kollha li saru ghad-disposizzjoni 208A matul is-snin kellu dan il-ghan u cioe' sabiex tigi implimentata il-ligi komunitarja in materja. Illi fid-dawl ta' dan il-qafas legislattiv allura huwa indubitat illi l-materjal indicenti li jitkellem dwaru l-artikolu 208A, jirreferi unikament ghal dak marbuta ma' tfal ta' taht l-eta u mhux ghal xi materjal indicenti koncernanti adulti kif donnhom qed jipprospettaw kemm l-appellanti kif

[1] Seduta Parlamentari tat-23 ta' Marzu 2010

ukoll l-Avukat Generali. Tant hu hekk illi anke it-titolu marginali ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi jindika illi dan ir-reat jikkoncerna il-minuri. Ghalhekk, ghalkemm bl-emendi introdotti permezz ta'l-Att tal-2010 il-kliem adoperat fit-test tal-ligi inbidel tant illi anke il-kliem "ta' tfal ta' taht l-eta" tnehha, l-iskop tal-legislatur ma kienx illi jintroduci materjal iehor marbut ma' pornografija ta' adulti billi dawn ir-reati huma trattati f'disposizzjonijiet ohra tal-ligi penali. L-ghan tal-legislatur kien illi jaghti definizzjoni ahjar ta'dawk l-azzjonijiet li permezz taghhom jista' ikun hemm abbuz jew sfruttament ta' tfal ta' taht l-eta' permezz tal-pedopornografija b'mod specjali permezz tas-sistema tat-tekonologija u informatika. Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Maghdud dan u stabbilit allura illi l-artikolu 208A si tratta ta' reati ta' pornogafija marbuta ma' minuri, jifdal biex jigi trattat it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti, fejn din il-Qorti mal-ewwel tghid illi huwa ghandu rgaun fl-ilment minnu vantat, kif jaqbel ukoll l-Avukat Generali stess. Dan ghaliex ma hemmx provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-vittmi ta' dan ir-reat kienu fil-fatt tfal ta' taht l-eta. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti fl-apprezzament minnha maghmul tal-atti probatorji u b'mod specjali meta hija tistrieh fuq dak mistqarr mill-appellanti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija illi huwa kien jaf illi t-tfajliet involuti kienu minorenni. Ibda biex il-fizjonimija ta' tfajliet filippini fiha innifisha tixbah hafna dik ta' tfajliet ta taht l-eta'. Fit-tieni lok, dak li dehrlu l-appellanti fl-inkontri tieghu ma' dawn it-tfajliet ma jista' qatt iwassal ghal xi prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ta'l-eta ta' dawn il-vittmi. Ighid li induna li kienu taht l-eta ghaliex kull darba li jiltaqa' maghhom fuq l-internet huma kienu ihawdu fl-eta li kienu jaghtuh. Ighid ukoll illi meta irrinfaccja wahda minn dawn it-tfajliet b'dan il-fatt din ibblokkjatu. Fil-fehma tieghu iqies illi huma kellhom "bejn sbatax u tmintax-il sena" li allura hija eta approssimattiva u mhux xi fatt stabbilit u konkret. Seta' kien il-kaz illi dawn it-tfajliet fil-fatt kellhom l-eta ta' tmintax-il sena u mhux sbatax u allura ma kenux ghadhom minuri. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha temmen illi ghall-appellanti t-tfajliet kienu

minuri, dan ma ifissirx necessarjament illi dawn hekk kienu. L-espert nominat mill-Qorti Dr. Stephen Farrugia Sacco mill-immagini li ra ta' dawn it-tfajliet li jiddeskrivi bhala azjatici, ma setax jasal ghal konkluzjoni dwar l-eta taghhom, ahseb u ara kemm setghet il-Qorti tistrieh fuq l-opinjoni tal-appellanti sabiex tasal ghal gudizzju taghha iktar u iktar meta s-sit li huwa kellu access ghalih kien wiehed ta' adulti. Illi l-Avukat Generali stess fil-kors tat-trattazzjoni ta'l-appell iddikjara li qed jaqbel illi ma tezistiex prova in atti dwar l-eta ta' dawn it-tfajliet. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravvju huwa wiehed fondat u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravvju interpost mill-appellanti, tilqa' it-tieni aggravvju, ghaldaqstant tghaddi sabiex thassar u tirrevoka d-decizjoni impunjata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur